**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Awwissu, 2022**

**Kumpilazzjoni numru 487/22 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs**

**Vincent Cucciardi**
**(K.I. 112877M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Vincent Cucciardi** li ġie akkużat:

1) Talli bejn id-19 u t-22 Awwissu, 2022, ġewwa Triq Luret Cutajar, Ħaż-Żebbuġ ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAF-349 tal-għamla Toyota Hilux liema serq hu aggravat bil-ħin, bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Emmanuel Attard u/jew persuni oħra *bi ksur* ***tal-Artikoli 261, 263, 270, 279(a) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

2) U aktar talli bejn it- 22 u t- 23 ta' Awwissu, 2022, ġewwa Triq Vjal ir-Rihan, San Ġwann ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CEA-845 tal-għamla KYMCO 125 liema serq hu aggravat

bil-ħin, bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Zain Ul Abadeen u/jew persuni oħra *bi ksur* ***tal-Artikoli 261, 263, 270, 279(a) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

3) U aktar talli bejn id- 19 u l- 20 ta' Awwissu, 2022, ġewwa Triq Ħ'Attard, Qormi ikkommetta serq sempliċi ta' fuel minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI-905 tal-għamla DAF għad detriment ta' Joseph-Mary Debono bi ksur tal**- Artikolu 284 Kap 9** ***tal-Liġijiet ta' Malta***;

4) U aktar talli bejn id- 09 u l- 11 ta' Awwissu, 2022, ġewwa Triq ir-Raddiena, Żebbuġ ikkommetta serq sempliċi ta' fuel minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBJ-113 tal-għamla Isuzu għad detriment ta' Nazzareno Agius bi ksur tal**- Artikolu 284 Kap 9** ***tal-Liġijiet ta' Malta;***

5) U aktar talli bejn it- 08 u id- 09 ta' Awwissu, 2022, ġewwa Triq Vincenzo Adrario, Żebbuġ ikkommetta serq sempliċi ta' fuel minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBF-098 tal-għamla Kia għad detriment ta' Manuel Borg **bi ksur tal- Artikolu 284 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6) U aktar talli bejn is- 26 u s- 27 ta' Lulju, 2022, ġewwa Triq il-Burdnar, Qormi ikkommetta serq sempliċi ta' fuel minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBN-913 tal-għamla Isuzu għad detriment ta' Brenton Micallef **bi ksur tal- Artikolu 284 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7) U aktar talli nhar s- 27 ta' Lulju, 2022, ġewwa Triq il-Kus, Qormi ikkommetta serq sempliċi ta' fuel minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HBA-496 tal-għamla Isuzu għad detriment ta' Antonie Bartolo **bi ksur tal- Artikolu 284 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8) U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-**Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta** permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistgħux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-

ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib illi l-istess imputazzjonijiet ġew ippruvati skont il-liġi.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija, ammetta għall-imputazzjonijiet mal-ewwel okkażjoni li kellu, spjega lill-Qorti li għandu problema akuta ta' droga u li huwa jrid jagħmel programm sabiex jegħleb l-istess problema. Min-naħa l-oħra mill-fedina penali jirriżulta li l-imputat wettaq diversi reati u li għal uħud minnhom serva sentenza ta' priġunerija.

Illi l-Qorti, wara ħadet dan kollu inkonsiderazzjoni, u ladarba l-imputat wera x-xewqa li jindirizza l-problema ta' abbuż ta' droga, hija disposta li tagħti lill-imputat ċans jiġi fuq saqajh, jekk huwa jrid. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u wkoll se tkun qiegħda toħroġ Ordni ta' Trattament sabiex jingħata l-għajnuna kollha possibbli sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga. Madanakollu l-Qorti qiegħda twissi lill-imputat li jekk ma jsegwix dak mistenni minnu fl-ordnijiet li se jingħataw, huwa se jkun qed jitlef din l-opportunita` li l-Qorti se tagħtih bil-konsegwenzi kollha li dan jista' jġib miegħu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50,261, 263, 270, 279 (a), 284 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Vincent Cucciardi** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti qiegħda wkoll toħroġ **Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għal żmien tliet (3) snin** mil-lum u dana bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation u/jew f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tal-Ordni ta' Probation jew li ma joqgħodx għad-direttivi tal-Professjonijisti li se jkunu qed isegwuh sabiex jikkompleta l-Ordni ta' Trattament.

Finalment, il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti stante li ma jirriżultax li ġie nominat xi espert.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur